MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 860/2005

**Michael Saliba ghan-nom u *in rappresentanza* tal-Korporazzjoni Telemalta; u b'nota pprezentata fid-19 ta' Mejju, 1983 fl-udjenza Frans Carbone fil-kwalita' tieghu bhala *Chairman* u ghan-nom u *in rapprezentanza* tal-Kumpannija Telemalta assuma l-atti; u b'nota tas-17 ta' Frar, 1998 John A Scicluna ammuna l-atti tal-kawza; u b'nota tal-21 ta' Mejju, 1996, Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u *in rapprezentanza* tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Henry Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru 1345/81AM) giet deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ottubru 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta’ Lm1,113.69 (elf, mija u tlettax il-lira Maltin u disgha u sittin centezmi), *in konnessjoni* mas-servizz telefoniku numru 22330.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, *oltre* Lm156.99 (mija, sitta u hamsin liri Maltin u disgha u disghin centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *“A”* kif ukoll Lm727.61 (seba’ mija, sebgha u ghoxrin liri Maltin u wiehed u sittin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-15 ta’ Dicembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm1,998.29 (elf, disa’ mija, tmienja u disghin liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmi) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li ma deherx fl-udjenza li ghaliha kien imsejjah u naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja ta' l-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------